MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1138/2013

**Leonard u Mary Doris, konjugi Attard [K.I. Nru. 157258(M)] u [K.I. Nru. 604060(M)] rispettivament**

***kontra***

**(1) L-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta**
**(2) Il-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-<u>28 ta` Novembru 2013</u> li jaqra :-

*1. Illi permezz ta` kuntratt datat 12 ta` Novembru 1980, fl-atti tan-Nutar Dr George Cassar (kopja hawn annessa u mmarkata bhala dokument A) l-atturi akkwistaw porzjon art maghrufa bhala c-Cens sive tal-Mensija, San Giljan (kopja tas-site plan annessa u mmarkata bhala dokument B) ;*

*2. Illi jidher li nhar id-9 ta` Lulju 2001, l-allura Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq kien ta struzzjonijiet lil kuntrattur sabiex jaghmel xoghlijiet ta` thammil u skavar fuq parti minn din il-porzjon ta` art. Dan il-kuntrattur qabad u dahal fl-art ta` l-atturi minghajr permess, tant li talab u nghata l-assistenza tal-Pulizija proprju minhabba li l-atturi dejjem oggezzjonaw bis-sahha kollha taghhom ghat-tali xoghlijiet ;*

*3. Illi tali xoghlijiet kienu jikkonsistu, fost ohrajn, fi ftuh ta` triq u dan minghajr ma saret l-esproprjazzjoni rikjesta mil-ligi skont Kapitlu 88 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*4. Illi f`dawn ix-xoghlijiet infethet triq fuq il-proprjeta` tal-atturi u dan minghajr qatt ma gew infurmati u wisq anqas qatt taw l-awtorizzazzjoni jew kunsens taghhom sabiex isir dan l-istess imsemmi xoghol fuq l-istess art. Tali xoghlijiet saru fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment tat-Toroq, li kien*

*precedentement responsabbli mit-toroq, minghajr ma saret esproprjazzjoni u minghajr ma gew ikkumpensati l-atturi ;*

*5. Illi permezz ta` ittra ufficjali datata 27 ta` Lulju 2012, (hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C), l-atturi kienu, fost affarijiet ohra, interpellaw lill-Awtorita` intimata, bhala l-Awtorita` li sussegwentement assumiet ir-responsabbiltajiet li kellu d-Dipartiment tat-Toroq, sabiex tgharrafhom taht liema awtorita`, ligi jew provvediment legali ttiehdet id-decizjoni li tinfetah l-imsemmija triq stante li saret minghajr l-esproprjazzjoni rikjesta mil-ligi ;*

*6. Illi minkejja l-fatt illi l-art li fuqha nfethet it-triq in kwistjoni ghadha sal-lum proprjeta` privata tal-atturi, mhux talli l-istess atturi ma rcevew l-ebda kumpens ghall-agir illegali tal-allura Dipartiment tat-Toroq u liema responsabbilita` sussegwentement giet assunta mill-Awtorita` intimata, talli jirrizulta li sal-lum, ghadha lanqas biss saret l-esproprjazzjoni skont il-ligi. Fil-fatt sal-gurnata tal-lum l-atturi ghadhom ihallsu c-cens relattiv fuq l-istess imsemmija porzjon art li fuqha l-allura Dipartiment tat-Toroq kien ordna xoghlijiet li kienu jinkludu l-ftuh ta` triq (kopja tal-ahhar ricevuta tal-hlas ta` cens mir-rikorrenti fuq l-art maghrufa bhala c-Cens sive tal-Mensija, San Giljan hawn annessa u mmarkata Dokument D) ;*

*7. Illi mill-izviluppi kif sehhew jidher li tali esproprjazzjoni qatt ma kienet intiza li ssir u dan minhabba li x-xoghlijiet in kwistjoni ma kinux sanciti mil-ligi ;*

*8. Illi b`risposta ghall-ittra ufficjali tas-27 ta` Lulju 2012, ipprezentata mill-atturi, il-Kummissarju tal-Artijiet wiegeb li ma jirrizultalux li hu qatt ircieva xi talba formali sabiex jesproprja l-art in kwistjoni u li konsegwentement hu qatt m`awtorizza lil hadd jidhol fuq l-art in kwistjoni u / jew jaghmel xi*

*xoghlijiet fuqha (ara ittra ufficjali responsiva hawn annessa u mmarkata Dokument E) ;*

*9. Illi l-atturi sal-lum ghadhom qed isofru mill-agir illegali tal-allura Dipartiment tat-Toroq ;*

*10. Illi hi l-fehma tal-atturi li l-agir tal-allura Dipartiment tat-Toroq, li r-responsabbilitajiet tieghu sussegwentement ghaddew ghand l-Awtorita` tat-Trasport ta` Malta, jikkostitwixxi ksur tad-dritt kostituzzjonali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta` ;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex :*

*1. Tiddikjara li x-xoghlijiet kienu jikkonsistu, fost ohrajn, fi ftuh ta` triq f`porzjon art maghrufa bhala c-Cens sive tal-Mensija, San Giljan, proprjeta` tar-rikorrenti, saru minghajr ma saret l-esproprjazzjoni rikjesta mil-ligi skont Kapitlu 88 tal-Ligijiet ta` Malta u li t-triq in kwistjoni ghadha sal-lum proprjeta` private ;*

*2. Tikkundanna lill-Awtorita` intimata sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess tal-art in kwistjoni u tirripristina l-proprjeta` fl-istat originali taghha qabel ma sar il-ftuh tat-triq, u dan jekk hemm bzonn taht l-operat ta` perit nominat mill-Qorti ;*

*3. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex, a spejjez tal-Awtorita` ntimata, jaghmlu x-xoghlijiet li huma mehtiega sabiex jirripristinaw l-art fl-istat li kienet qabel ma nfethet il-moghdija ;*

*4. Fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti ma tiddeciedix li tirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess tal-art in kwistjoni, tiddeciedi u tordna li, stante li l-allura Dipartiment tat-Toroq kien responsabbli sabiex tinfetah din it-triq, u una volta l-Awtorita` tat-Trasport ta` Malta sussegwentement assumiet ir-responsabbilitajiet li kellu d-Dipartiment tat-Toroq, l-istess Awtorita` tat-Trasport ta` Malta ghandha tinzamm unikament responsabbli ghat-tali agir illegali fejn giet utilizzata art privata minn awtorita` pubblika minghajr l-esproprjazzjoni rikjesta mil-ligi ;*

*5. U ghaldaqstant taghti dawk ir-rimedji li huma xierqa u opportuni nkluz hlas ta` danni u bl-imghaxijiet li akkumulaw mid-data li l-proprjeta` giet illegalment okkupata;*

*6. Tillikwida d-danni, a favur l-atturi, li sofrew u ghadhom qed isofru, sad-data li l-art tibqa` llegalment okkupata.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni, u b`riserva tad-danni kkawzati lir-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat iz-zewg noti li pprezentaw l-atturi quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Jannar 2014.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta prezentata fis-17 ta` Jannar 2014 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament l-Awtorita` esponenti teccepixxi l-preskrizzjoni ta` sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` ntimata mhijiex il-legittimu kontradittur stante li l-allegat agir illegali ma sarx minnha u sahansitra allegatament sar snin qabel ma l-Awtorita` intimata giet kostitwita ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` intimata mhijiex il-legittimu kontradittur stante li decizjonijiet dwar esproprjazzjoni o meno ma jaqghux taht il-kompetenza taghha izda tal-intimat l-iehor, il-Kummissarju tal-Artijiet ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien obbligu tar-rikorrenti konjugi Attard li jifformaw it-triq mertu tal-kawza skont kif impost fuqhom fil-kundizzjoni numru 13 tal-'Form T.2' mehmuza mal-permess tal-bini PB 1915/82/6092/80 datat il-31 ta` Mejju 1982 (ara Dok. A hawn anness). Tant hu hekk li l-Awtorita` tal-Ippjanar kitbet formalment lill-istess rikorrenti dwar ksur*

*tal-kondizzjonijiet fil-permess tal-izvilupp relattiv fosthom in-nuqqas da parti taghhom li jiffurmaw it-triq imsemmija fir-rikors promotur (ara Dok. B hawn anness). Barra minn hekk, anke l-Ombudsman kien wasal ghall-konkluzjoni li l-ilment tar-rikorrenti kien infondat stante li kien obbligu taghhom li jiffurmaw it-triq in kwistjoni izda huma baqghu inadempjenti (ara Dok. C hawn anness). Isegwi ghalhekk li l-Awtorita` intimata ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi allegati danni relatat ma` triq li kellha tigi ffurmata mir-rikorrenti izda baqghet ma saritx da parti taghhom u dan kif ser jirrizulta ahjar fil-mori tal-kawza ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` intimata tirrispingi wkoll il-pretensjoni ghad-danni stante li r-rikorrenti ma sofrew ebda danni li jistghu b`xi mod jigu attribwiti lill-istess Awtorita` intimata u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza ;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw sal-grad rikjest mil-ligi li huma sofrew xi danni li fi kwalunkwe kaz huma kkontestati ;*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tal-Awtorita` intimata huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Artijiet prezentata fl-20 ta` Jannar 2014 li taqra hekk :–

*1. Illi l-esponent umilment jeccepixxi li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur f`din il-kawza u ghaldaqstant ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*2. Illi l-Kummissarju tal-Artijiet qatt ma rcieva talba minghand xi entita` governattiva sabiex iniedi proceduri appoziti sabiex l-art in kwistjoni tigi espropprjata skont il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta` Artijiet ghal Skopijiet Pubblici ;*

*3. Illi konsegwentement l-esponent jew rapprezentant tieghu qatt ma dahal fuq l-art in kwistjoni u lanqas m`awtorizza lil hadd jokkupa jew b`xi mod iehor jidhol jew iwettaq xi xoghlijiet fuq din l-art ;*

*4. Ili in vista tas-suespost, l-azzjoni odjerna ma kellhiex tkun diretta lejn l-esponent Kummissarju tal-Artijiet illi jesproprja artijiet biss meta jintalab jaghmel dan minn entitajiet governattivi li jkun responsabbli ghall-progett in kwistjoni, jekk il-kaz ikun jimmerita espropprjazzjoni ;*

*5. Illi ghalhekk, kwalsiasi sejbien ta` responsabbilta` ghall-hlas ta` danni u / jew kumpens iehor m`ghandhiex tigi attribwita lill-Kummissarju tal-Artijiet ;*

*Ghaldaqstant, it-talbiet maghmula mir-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet.

Rat l-ordni tal-Onor Prim` Imhallef tal-20 ta` Jannar 2014 li permezz taghha din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

**Rat illi l-ewwel appuntament tal-kawza quddiemha kif presjeduta kien fit-18 ta` Marzu 2014. Hemm idderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet.**

Semghet ix-xiehda ta` Rose-Marie Vella fis-seduta tat-8 ta` Mejju 2014 u rat id-dokumenti li pprezentat.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Jeffrey Formosa u ta` Margaret Falzon.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Margaret Falzon u ta` Jeffrey Formosa, flimkien max-xiehda tal-attur fis-seduta tal-15 ta` Lulju 2014.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw l-atturi fil-15 ta` Lulju 2014.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti fis-seduta tat-8 ta` Jannar 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma hemmx ostaklolu sabiex taghti sentenza llum dwar skond kif kienet idderigiet fis-seduta tat-18 ta` Marzu 2014.

## II. Sintesi tal-provi

**Rosemarie Vella** – ghar-Registratur Qrati Civili u Tribunali – xehdet illi fis-27 ta` Lulju 2012, l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra l-Awtorita` konvenuta li ggib in-nru. 2326/12 ; l-intimata kienet notifikata. Kienet prezentata ittra ufficjali ohra fl-4 ta` April 2008 bin-nru. 927/2008 kontra l-Awtorita` konvenuta u ohrajn ; anke f`dan il-kaz ir-referta tan-notifika kienet posittiva.

**Jeffrey Formosa** - principal technical officer fi hdan l-Awtorita` konvenuta – xehed illi x-xoghol tieghu jikkonsisti fil-gestjoni ta` materji teknici u amministrattivi li tkun involuta fihom l-Awtorita` ghal dak li ghandu x`jaqsam ma` esproprjazzjoni. Mill-file tal-atturi, ma jirrizultax li l-Awtorita` qatt irceviet xi ittra ufficjali ; lanqas tirrizulta xi risposta li l-Awtorita` setghet ghamlet ghal xi ittra ufficjali li waslet minghand l-atturi. Qal illi t-talba tal-atturi tmur lura ghaz-zmien meta l-Awtorita` konvenuta ma kinitx responsabbli ghat-toroq ; dak iz-zmien l-entita` responsabbli kien id-dipartiment tat-Toroq, li kien jaqa` taht il-Ministeru ghat-Trasport u Kommunikazzjoni. Id-Dipartiment tat-Toroq kien amalgamat fl-Awtorita` wara l-2002.

Dwar il-pretensjoni tal-atturi, ix-xhud stqarr illi l-atturi kellhom l-obbligu li jifthu u jiffurmaw toroq fuq iz-zewg faccati tal-proprjeta` taghhom li tinsab f`kantuniera u dan skond il-Kap 499 tal-Ligjiet ta` Malta, kif ukoll kif stabbilit fil-permess tal-MEPA. Sostna li l-MEPA harget avviz ta` infurzar dwar in-nuqqas li tigi ffurmata triq fl-art in kwistjoni. Anke l-Ombudsman kien iddecieda li kien l-obbligu tal-atturi li jiffurmaw it-triq fl-art in kwisjtoni.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarr illi fil-file ma rax l-ittra ufficjali li kopja taghha hija esebita a fol 22 tal-process. Meta kien muri mandat ta` inibizzjoni li kien sar kontra d-Direttur tat-Toroq, huwa xehed illi qatt ma kien ra dak l-att.

Il-file li accenna ghalih kien jismu : "*Complaint raised by Mr Attard re Works at Mensija Street, St Julians*" ; in-nru tar-riferenza huwa : Roads Directorate - 509/2001. Il-file infetah f`Novembru 2001. Qal li ghandu kopja ta` l-protest gudizzjarju esebit a fol 57. Ikkonferma li l-Awtorita` ghandha r-responsabilitajiet tad-Dipartiment tat-toroq. Qal ukoll illi huwa l-obbligu ta` kull min jibni li jifforma l-parti stradali. Fil-kaz tal-atturi, dawn naqsu, ghalhekk ix-xogholijiet saru mill-Gvern.

**<u>Margaret Falzon</u>** – Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Propjeta` tal-Gvern – xehdet illi l-Kummissarju ta` l-Artijiet qatt ma dahal fuq din l-art u lanqas awtorizza rapprezentanti tieghu jew entitatjiet governattivi ohra sabiex jaghmlu dan. Id-Dipartiment qatt ma rcieva talbiet sabiex l-art mertu ta` din il-kawza tigi esproprjata. Il-Kummissarju ta` l-Artijiet jesproprja art biss wara li tkun saritlu talba minn xi entita` governattiva ohra li tkun qeghda twettaq xi progett u li ghalih tkun saret rikjesta ta` esproprjazzjoni. Mhuwiex ir-rwol tal-Kummissarju ta` l-Artijiet li jiddeciedi liema progett ghandu jitwettaq fl-interess pubbliku. Il-Kummissarju ta` l-Artijiet ma jiehux decizjonijiet la dwar fejn ghandhom jigu ffurmati t-toroq ; lanqas dwar jekk toroq ghandhomx jitwessghu inkella le. Meta jkun hemm il-htiega li ssir triq gdida jew li t-triq titwessa`, l-entita` li tkun trid taghmel ix-xogholijiet, taghmel talba lid-Dipartiment taghha sabiex jibdew il-proceduri ta` espropriju, wara li jsir depozitu go kont bankarju ta` l-fondi li jkunu ser jithallsu bhala kumpens. Fil-kaz tal-lum, id-Dikjarazzjoni tal-President u l-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ma gewx ippubblikati, ghaliex qatt ma kien hemm talba sabiex jibdew il-proceduri tal-esproprju.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud stqarret illi meta l-entita` responsabbli mit-toroq tkun trid tiftah triq bhala parti minn zvilupp, l-entita` taqbad u tidhol fl-art izda l-art tibqa` tas-sid. Billi fil-kaz tal-lum, baqghet ma saritx esproprijazzjoni, l-art ghadha tas-sidien. Mill-file ma jirrizultax li saret xi talba ghall-esproprjazzjoni ta` l-art in kwistjoni. Qalet ukoll li tezisti procedura fejn jkun hemm *schemed road* u terza persuna tkun trid li t-triq tinfetah ghal raguni ta` access, u mhux tistenna li t-triq tinfetah bl-izvilupp ; ghalhekk il-persuna tohrog il-flus biex issir l-esproprijazzjoni tal-art minghand is-sidien tal-art.

**L-attur** xehed illi meta bena hu, kien kollu blat. Skond l-Awtorita` tal-Ippjanar ta` dak iz-zmien, fil-genb tal-proprjeta` kellu jibqa` *a green area* u passagg minhabba d-dizlivell li kien hemm. Huwa hammel, naddaf kullimkien, ghamel il-hamrija biex tkun *green area* u ghamel il-passagg ghan-nies. Huwa ghamel il-passagg san-naha tieghu ghaliex it-triq minn isfel sa fuq tinqasam fi tnejn. Meta inxtrat l-art ta` warajh, suppost li l-access tal-garaxxijiet kellu jigi mit-triq ta` wara izda nqalghu problemi minhabba dizlivell. Kienu saru laqghat ma` funzjonarji tal-Awtorita` tal-Ippjanar li hadu l-posizzjoni li kellu jsir ftehim mieghu peress li l-art hemmhekk kienet tieghu. In segwitu qabdu u dahlu bil-bulldozers fl-art tieghu u kissru kollox. Ikkonferma li l-art kienet tieghu u kien ihallas ic-cens fuqha.

L-attur kompla jghid illi l-garaxxijiet kienu ppjanati li juzaw access min-naha ta` fuq izda imbaghad x`hin indunaw, minhabba xi zball, li ma kienx ser ikun possibbli access min-naha ta` fuq, qabdu u dawwru kollox biex l-access jkun min-naha ta` isfel bil-konsegwenza li ghaddew mill-art tieghu. Qal li wiehed mis-sidien ried jasal ghal soluzzjoni mieghu, izda baqa` ma ntlahaqx ftehim. Kien bhala segwitu li wiehed mis-sidien qabad u gab il-bulldozers. It-triq ghadha sal-lum minghajr isem. Hemm min qed ighid li hija art pubblika. It-triq saret ghall-kumdita` ta` dawn is-sidien tal-garaxxijiet u ghal hadd izjed. Sostna li huwa qaghad mal-obbligi tieghu billi hammel il-parti tieghu u ghamel *green area.* Huwa ghamel ix-xogholijiet fl-art tieghu biss. Ghalkemm l-art hija propjeta` tieghu, jghaddu minnha l-karozzi biex jidhlu fil-garaxxijiet. Ikkonferma li ghandu wiehed minn dawn il-garaxxijiet li qieghed fuq wara ; imiss ma` l-appartament tieghu u ghalhekk jista` jidhol minn hemmhekk.

Fil-**kontroezami**, l-attur xehed illi huwa bena fl-1980. Cahad li skond il-permess tal-bini, huwa kellu jifforma triq u mhux passagg ; ghalhekk harget l-enforcement order. Insista li hemmhekk qatt ma kien hemm triq. Lanqas qabel hareg l-enforcement order. Sostna li l-enforcement order huwa zbaljat. Biex hu jidhol ghall-garaxx tieghu, irid ighaddi minn fuq l-art tieghu.

## III. L-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta

L-Awtorita` konvenuta tat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-**Art 2153 tal-Kap 16** li jghid :- *l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn.*

**a) Il-prova tal-preskrizzjoni**

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe**" din il-Qorti (**PA/JRM**) irriteniet illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila**" - Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet illi –

*"min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".*

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

**b) Tifsira restrittiva**

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).

Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

**c) Dekorrenza**

**L-Art.2137 tal-Kap.16** jaqra hekk –

*Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament.

L-awturi **<u>Baudry-Lacantinerie u Tissier</u>** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi –

*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere.*"

Izjed 'l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale.*

**d) <u>Risultanzi</u>**

Fil-kawza tal-lum, it-talbiet **<u>principali</u>** huma l-ewwel tlieta (3). L-ahhar tliet (3) talbiet tressqu bhala **<u>alternattivi</u>** fil-kaz li l-Qorti tiddeciedi li ma tirreintegrax lill-atturi fil-pussess tal-art in kwistjoni. Ghalhekk bhala punt ta`

dritt, l-eccezzjoni ma tistax tinvesti it-talbiet principali izda biss it-talbiet alternattivi.

Il-Qorti hija konxja tal-gurisprudenza citata mill-atturi.

Rassenja ta` din il-gurisprudenza tinsab riportata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Frar 2014 fil-kawza "**Winston Montanaro Gauci pro et noe vs Tarcisio Rapa et**" :-

*"Illi fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew illi l-azzjoni attrici hija preskritta permezz tal-artiklu 2153 tal- Kodici Civili …*

*Hawnhekk bizzejjed issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet 'Helen Schembri et vs Anthony George Zahra noe' (App Civ Nru : 449/2004 deciza fit-28 ta` Settembru 2012 ) fejn gie ritenut :-*

*'Kif intqal mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Catania v. Abela, deciza fis-27 ta` Jannar 2009, f`kawza ta` din ix-xorta :-*

*'Illi cioe` nonostante il-Qorti tiddikjara illi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap.16 mhijiex applikabbli ghall-kaz odjern peress illi kif gie deciz minn din il-Qorti permezz ta` sentenza tat-3 ta` Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Patrick Staines noe vs Charles u Emanuel Falzon noe il-preskrizzjoni ta` sentejn mhijiex applikabbli ghall-azzjonijiet fejn ikun qieghed jintalab hlas ghall-okkupazzjoni llegali.*

*Il-Qorti tirreferi ukoll ghal sentenza ta` din il-Qorti fl-ismijiet Perit Edwin Calleja pro et noe vs Joseph Said et fejn gie deciz illi l-peskrizzjoni applikabbli ghall-hlas ghall-okkupazzjoni llegali hija dik stipulata fis-subinciz (f) tal-artikolu 2156 tal-Kap 16. Ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli f`dan il-kaz hija dik ta` hames snin ai termini ta` l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.*

*(ara wkoll Malta Development Corporations v. Crafts Creations, deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta` Ottubru 2002 ; J.M.V. Holding Ltd v. Karina Holdings Ltd et, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta` Novembru 2007 u Id-Direttur tal-Artijiet v. Baldacchino, deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta` Novembru 2011)'.*

Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell irrimarkat illi :-

*"Fil-kuntest tal-preskrizzjoni ta` sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, il-gurisprudenza tghid li l-preskrizzjoni ta` sentejn m`hijiex applikabbli ghall-azzjonijiet fejn ikun qieghed jintalab hlas ghall-okkupazzjoni.*

*Ghal dan din il-Qorti jidhrilha li ma ghandha taghmel xejn aktar hlief li tirreferi ghas-sentenza taghha ricensuri fil-kawza fl-ismijiet Schembri v. Zahra, deciza fit-28 ta` Settembru, 2012, fejn b`riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, dan il-principju gie konfermat. L-okkupazzjoni tal-konvenuti tal-fond in kwistjoni ma kienetx wahda sa mill-bidu nett illegali, ghax il-pussess inghata lilhom wara l-iffirmar ta` konvenju u in anticipazzjoni ghall-iffirmar tal-kuntratt definittiv. L-arrangament ovvjament kien li jekk il-kuntratt, ghar-raguni, ma jsirx, kollox jerga` ghall-istatus quo ante, u z-zamma tal-pussess mill-konvenuti sar bi ksur ta` dan l-arrangament, li jwassal allura ghall-inapplikabbilita` tal-preskrizzjoni a bazi ta` dan l-artikolu. Kif qalet il-Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Cassar Pullicino noe v. Xuereb noe et, deciza fit-3 ta`Lulju 2003, 'biex il-kolpa ma tkunx kuntrattwali, jehtieg li dik il-kolpa ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti'.*

*F`dan il-kaz, l-okkupazzjoni kienet konsegwenza ta` konvenju bejn il-partijiet, u hu minhabba l-kontinwazzjoni ta` din l-okkupazzjoni allegatament bla titolu, li l-atturi ressqu din il-kawza. It-talba ghad-danni ma tistax, ghalhekk titqies wahda akwiljana".*

Fil-kaz tal-lum, il-pretensjoni tal-atturi hija li fil-konfront taghhom sehh agir li kien dejjem illegali u sar b`mod abbuziv ; mhuwiex jigi allegat mill-atturi li kien hemm okkupazzjoni legali ghal xi zmien, li wara saret okkupazzjoni llegali. Il-lanjanza tal-atturi hija li huma kienu soggetti ghal okkupazzjoni llegali mill-bidu nett, liema okkupazzjoni baqghet tippersisti minghajr interruzzjoni.

Fis-sentenza citata "**Schembri et vs Zahra et**" tat-28 ta` Settembru 2012 jinghad :-

*"Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li talba ghall-kumpens ghall-okkupazzjoni ma tinkwadrax ruhha f`talba ghal hlas ta` danni mhux naxxenti minn reat kriminali, peress li l-pretensjoni attrici mhix naxxenti minn delitt jew kwazi-delitt, izda rizultat tar-relazzjoni kuntrattwali li kienet tezisti bejniethom. Il-kumpens li qed jitolbu l-atturi jitnissel minn ksur ta` patt kuntrattwali, u mhux minn ghemil li ma jsibx il-fonti tieghu f`kuntratt mehtieg biex dak l-agir jitqies bhala delitt jew kwazi-delitt.*

*Kif qalet ukoll din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza Dalli v. Monomark Developments Ltd, deciza fit-13 ta` Marzu 2009 :-*

*'Bl-eccezzjoni ulterjuri taghha s-socjeta` konvenuta tissottometti illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta` l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Kif insenjat mill-gurisprudenza "la prescrizione biennale stabilita dall`articolo 1917 dell`ordinanza VI del 1868 (korrispondenti ghall-Artikolu 2153, Kapitolu 16) non riguarda le azioni di risarcimento di danni derivate da dolo e colpa contrattuale" ("Dr. Carlo Galea Naudi -vs- Negte. Salvatore Zammit", Appell Civili, 9 ta` Marzu, 1925), izda "hi applikabbli ghad-danni extra-contrattuali jigifieri li gejjin mhux minn inadempjenza ta` obbligazzjoni imma ex delicto vel quasi" ("Negte. Salvatore La Rosa De Cristoforo nomine -vs- Henri Rouselle nomine", Appell Kummercjali, 17 ta` Frar, 1936).'*

*Ghalhekk il-preskrizzjoni ta` sentejn imsemmija fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghemil li*

*jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta` patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbaha (Stivala v. Colombo, deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta` Jannar 1953).*

*Kull hsara li ggarrab persuna minn ghemil jew nuqqas ta` haddiehor waqt it-twettieq ta` kuntratt jikkostitwixxi htija kuntrattwali, filwaqt li hija htija akwiljana meta jigi ppruvat li l-ghemil li kkawza l-hsara jkun ghal kollox mifthum u awtonomu mir-rabta kuntrattwali. F`dan il-kaz, il-kumpens qed jintalab ghax l-inkwilin, is-socjeta` konvenuta, kiser patt kuntrattwali u baqa` in okkupazzjoni tal-fond mikri lilu nonostante dan il-ksur ; dan, allura, mhux kaz ta` danni akwiljani ...”*

Fil-kaz tal-lum, l-ahhar tliet talbiet m`ghandhomx bhala sfond il-ksur ta` xi patt kontrattwali. Hija l-fehma tal-Qorti li hawn si tratta ta` danni akwiljani fejn tapplika ghalihom il-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-Art 2153 tal-Kap 16.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta` Jannar 2007 fil-kawza “**Emanuele Barbara et vs Salvino Bugeja noe**” fejn kien rilevat illi l-atti ta` l-Esekuttiv li jkunu saru b`eccess tal-poteri vestiti mil-ligi fl-Ezekuttiv huma llegali u jistghu jaghtu lok, fil-kazijiet kongruwi, ghall-hlas tad-danni derivanti mill-illecitu. F`dan il-kaz il-preskrizzjoni li tghodd ghal dawn l-azzjonijiet hija dik ta` sentejn skond l-Art 2153 tal-Kap 16. Kien rimarkat hekk :-

*“F`dan l-aggravju, l-appellant jissottometti illi l-azzjoni attrici hija preskritta bit-trapass tat-terminu ta` sentejn fit-termini ta` l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 2153 tal- Kodici Civili jippreskrivi illi “L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn.” L-appellati jirribattu din l-eccezzjoni billi principalment jistriehu fuq il-konsiderazzjonijiet ta` l-Ewwel Qorti fis-sentenza tal-15 ta` Ottubru 2003 (Citaz. Nru. 1196/80) li kienet qieghda tinstema` kontestwalment ma` din il-kawza.*

*Fl-azzjoni odjerna -- kif limitata bis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tat-22 ta` Marzu 1976 -- l-atturi qeghdin jallegaw li l-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra kisret il-ligi, u cioe` l-Ordinanza dwar il-Hsarat tal-Gwerra ta` l-1943, partikolarment l-Artikolu 19(3), u ghalhekk agixxiet ultra vires fil-likwidazzjoni tal-kumpens ghall-hsarat tal-gwerra kkagunati lill-fondi fuq imsemmija proprjeta` taghhom, u ghalhekk talbu lill-ewwel Qorti tiddikjara li d-decizjoni tal-Kummissjoni de quo hija nulla. Din l-azzjoni hija naturalment pre-ordinata sabiex, f`kaz ta` ezitu pozittiv, il- Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra terga` jew tirrevedi u tillikwida l-ammont ta` kumpens talvolta dovut lill-atturi ghall-hsarat sofferti fil-fondi taghhom jew thallas id-danni ghall-agir illegali taghha – zewg ipotezijiet li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, cioe` meta si tratta ta` agir bi ksur tal-ligi da parti ta` tribunal amministrattiv jew kwazi-gudizzjarju, huma ekwipollenti.*

*Bid-dovut rigward lejn il-Prim Awla, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta` l-Ewwel Qorti tal-15 ta` Ottubru 2003 fil-kawza 1196/80 li 'dak li qieghdin jitolbu l-atturi mhux danni emanenti minn delitt jew kwazi delitt, imma t-talba taghhom hija bazata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni fil-fissazzjoni tal-kumpens dovut ma ssodisfatx pienament it-termini tal-ligi, u allura n-natura ta` l-azzjoni hija wahda ta` inadempiment parzjali ta` obbligu legali u mhux wahda ta` danni.' L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi : 'Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b`nuqqas ta` diligenza, ta` prudenza jew ta` hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f`hekk.' (enfasi mizjuda). Huwa stabbilit fil-gurisprudenza li l-elementi rikonoxxuti ta` azzjoni delittwali huma tlieta : '(1) un fatto illecito (2) l`imputabilita` di questo fatto al suo autore (3) un danno cagionato da questo fatto' (<u>Baudrie-Lacantinerie : Delle Obbligazioni Vol. IV p.555).</u>*

*Ghaldaqstant, sabiex jista` jinghad illi fatt huwa illecitu, irid jigi ppruvat illi gie vjolat dritt tad-danneggjat li huwa protett mil-ligi, u li konsegwentement id-danneggjant naqas mill-obbligu tieghu li jirrispetta dak id-dritt. Fil-fatt l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jaghmilha cara li huwa biss 'kull min, … … jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi …" li huwa responsabbli ghad-danni. <u>De Cupis : 'Il Danno' (2 ed) Vol I pag. 67)</u> jispjega illi "danno ingiust o: vale a dire, prodotto da atto umano antigiuridico, e antigiuridicita` significa contrarieta` a specifiche norme e principi di diritto, cui l`art. 2043 automaticamente rinvia nel mentre stabilisce la sanzione del danno arrecato in violazione di esse.'*

*Ghalhekk kif sewwa osserva l-appellant fir-rikors ta` l-appell tieghu, anke persuna illi 'tikser dmir impost mil-ligi', bhalma qed jigi allegat li ghamlet il-Kummissjoni dwar il-Hsarat tal-Gwerra kemm f`din il-kawza kif ukoll fil-kawza 1196/80, hija passibbli ghal 'delitt jew kwazi-delitt' fit-termini ta` l-Artikolu 1033 fuq citat.*

*Hekk fil-kawza <u>John Lowell et v. Onor. Dottor Carmelo Caruana noe</u>, deciza fl-14 ta` Awissu 1972, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili rriteniet li att amministrattiv kien ultra vires, u konsegwentement il-Gvern kien responsabbli ghad-danni :*

*'L-atti ta` l-Esekuttiv maghmulin b`eccess tal-poteri fih vestiti mil-ligi huma illegali u jistghu jaghtu lok, fil-kazijiet kongruwi, ghall-hlas tad-danni derivanti mill-illecitu.'*

*Ghalkemm f`dik il-kawza l-Qorti ma qalitx espressament illi r-responsabbilita` tad-danni kellha tigi determinata skond ir-regoli preskritti mill-Kodici Civili, dan huwa sottointiz fl-istess sentenza u mir-riferenza li ghamlet dik il-Qorti ghall-kuncett ta` l-illecitu. Fil-fatt, fid-decizjoni ghal-likwidazzjoni tad-danni f`dik il-kawza, id-danni gew likwidati skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt Civili Malti dwar l-illecitu (ara decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell '<u>John Lowell et v. Onor. Carmelo Caruana noe</u>', deciza fid-29 ta` Mejju 1991).*

*Il-preskrizzjoni dwar azzjonijiet taht l-Artikolu 1033, billi si stratta ta` danni m`hux kagunati b`reat, hija dik ta` sentejn kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili."*

Ghall-kaz tal-lum, tghodd il-preskrizzjoni skond l-Art 2153 tal-Kap 16. Cio` nonostante il-Qorti sejra tichad l-eccezzjoni billi fil-kaz tal-lum, l-okkupazzjoni – li l-atturi jsostnu li hija llegali – baqghet dejjem dik li hija llum. Kwindi l-allegat dannu tal-atturi qieghed jissussisti l-hin kollu. Ghalhekk ma jistax jiddekorri l-perijodu ta` preskrizzjoni.

Fil-konkluzjoni taghha l-Qorti ssib sostenn fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Settembru 2012 fil-kawza "**Schembri et vs Zahra noe**" (op. cit.) Il-Qorti qalet hekk :-

*" … fil-kawza fl-ismijiet 'Perit Edwin Calleja pro et nomine vs Joseph Said et' (Citazzjoni Numru 357/1999) … gie stabbilit ... ukoll li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista` tigi ezercitata… (ara : Laurent : Diritto Civili : Vol. 22 para. 16).*

*Ghalhekk il-Qorti trid tara meta twieldet l-obbligazzjoni tal-konvenut li jhallas il-kumpens ghall-okkupazzjoni tieghu tal-fond in kwistjoni u meta twieled ir-relattiv dritt ta` l-attur biex jagixxi kontra tieghu fuq dina l-kawzali.*

*Is-socjeta` konvenuta tikkontendi li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-gurnata li saru l-fatti li taw lok ghad-danni u li l-atturi ma kellhomx ghalfejn jistennew is-sentenza ghall-izgumbrament sabiex jiddeducu t-talba taghhom ghad-danni.*

*Id-dritt tas-socjeta` attrici ghad-danni ma jitwieldex mill-accertament gudizzjarju tal-fatt li ta` lok ghall-eventwali zgumbrament imma mill-fatt innifsu li ta lok ghall dak liz-zgumbrament.*

*L-atturi min-naha l-ohra jikkontendu li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mid-data li fiha inghatat is-sentenza fejn giet michuda t-talba tas-socjeta` konvenuta ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza fejn giet milqugha t-talba attrici ghallizgumbrament.*

*Fis-sentenza tal-3 ta` Ottubru 2003 hawn fuq citata (Perit Edwin Calleja pro et noe vs Joseph Said et) gie deciz li l-attur f`dik il-kawza ma setax jitlob kumpens jew jaccetta kera sakemm il-proceduri ta` zgumbrament kienu ghadhom*

*pendenti u li l-preskrizzjoni kwinkwennali bdiet tiddekorri mid-data li fiha s-sentenza ta` zgumbrament ghaddiet in gudikat.*

*Fil-kaz odjern is-sentenza ta` zgumbrament ghaddiet in gudikat fil-mument li fih giet michuda t-talba tas-socjeta` konvenuta ghar-ritrattazzjoni, u cioe` fl-14 ta` Mejju 2004.*

*Dan id-dritt ma setax jigi ezercitat qabel il-Qorti tiddetermina definittivament meta s-socjeta` konvenuta kienet tilfet id-dritt li tibqa` tokkupa l-fond legalment. Il-kawza odjerna giet intavolata fis-17 ta` Gunju 2004 u ghalhekk it-talba attrici m`hijex preskritta.*

**...** *Stabbilit, mela li ghall-azzjoni attrici japplika t-terminu ta` hames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, irid jigi ezaminat minn meta jibda jiddekorri l-perjodu preskrittiv.*

*Is-socjeta` konvenuta tissottometti li l-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri mid-data li fih avvera ruhu d-dannu. L-ewwel Qorti ma accettatx din is-sottomissjoni u qalet li l-perjodu jibda jiddekorri minn meta giet definittavament deciza li ghandu jkun hemm lok ghall-izgumbrament - data li hi stabbiliet bhala l-14 ta` Mejju 2004, meta din il-Qorti cahdet it-talba tas-socjeta` konvenuta ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza li kienet tat precedentement fit- 30 ta` Mejju 2003. A bazi ta` din is-sejba, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ta` preskrizzjoni peress li din il-kawza giet istitwita fis-17 ta` Gunju 2004, zgur entro t-terminu ta` hames snin mid-data stabbilita mill-ewwel Qorti.*

*Din il-Qorti ghandha r-riservi taghha fuq dan il-hsieb tal-ewwel Qorti, u dan peress li l-effetti tas-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Mejju 2003, joperaw ex tunc, fis-sens li s-sentenza stabbiliet stat ta` fatt (ksur ta` kundizzjoni kuntrattwali) li kien jezisti zgur fit-18 ta` Frar 1994, meta nfethet il-kawza l-ohra; mill-atti tal-kawza l-ohra, fil-fatt, jirrizulta li x-xoghlijiet strutturali u allura l-ksur kuntrattwali sar fl-1993, u hu dan il-fatt li gie stabbilit mill-Qorti (ara <u>Mizzi noe v. Cauchi</u>, deciza minn din il-Qorti fit-23 ta` Settembru 2009).*

*Meta talba ghal hlas tad-danni setghet issir, izda ma saritx, f`kawza li decizjoni fuq il-meritu taghha tkun dipendenti dik it-talba, wiehed ma jistax jghid li kien 'oggettivament impedut' milli jitlob id-danni ghax kien qed jistenna l-ezitu tal-ewwel kawza. Kif jghid il-Giorgi fit-Trattato delle Obbligazioni (Vol. viii pag. 444 para. 281), ikun hemm impediment oggettiv :-*

*'quando l`azione sperimentata tende a constatare un diritto per servire di base ad un altro diritto, il quale non puo` essere frattanto esercitato nemmeno con domanda sussidiaria, o come dicono i curiali, per mezzo di conclusioni subordinati … pero` non basta che il diritti siano incompatibili e l`uno debba risultare quale conseguenza dell altro, se il giudice adito sia competente su entrambi: perche` allora l`attore puo` formulare conclusioni subordinate. Ad esempio, chi domanda l`adempimento di una obligazione "in forma specifica" non e dispensato dal domandare il risarcimento per equipollens col mezzo di conclusioni subordinate.'*

*F`dan il-kaz, l-atturi setghu facilment ressqu talba sussidjarja ghad-danni ossija kumpens ghall-okkupazzjoni fil-kawza li fethu ghall-izgumbrament, u tali domanda kienet tkun konsegwenzjali ghal dik precedenti li lokkupazzjoni kienet wahda abbuziva.*

*Hawnhekk pero`, huma applikabbli principji ohra, u dan peress li jezistu sitwazzjonijiet ta` certi impedimenti li jaghmluha impossibli, jew difficli, ghall-ezercizzju talazzjoni li tkun, mill-parti. Dan jokkorri, per ezempju, meta l-ammont ta` hsara jiehu tul ta` zmien biex jigi determinat, ghax il-'hsara' tirrepeti ruhha kultant zmien. Ma tistax tinbeda kawza biex fiha jintalab kumpens ghal hsarat li ghadhom ma gewx kristalizzati, u l-ebda zmien ta` preskrizzjoni ma jista` jitqies li jghaddi sakemm, fil-fatt, il-hsara tibqa` tiggrava (ara, per ezempju, il-kaz Micallef v. Direttur tax-Xoghlijiet, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Frar 2001). Din il-Qorti, f`sentenza ricensuri moghtija fis- 26 ta` Gunju 2009, fil-kawza fl-ismijiet Muscat et v. Muscat Scerri et kienet osservat hekk f`kuntest simili :-*

*' … kif qalet ukoll il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Portelli v. Attard, deciza fl-20 ta` Marzu 1997, meta d-danni ma jigux determinati f`mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b`mod li jista` jinghad li l-hsara qeghdha kontinwament issir, kif jidher li qed jigri f`dan il-kaz, it-terminu*

*ta` preskrizzjoni jkun kontinwament qed jigi 'interrott', u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir." jew fil-kaz tal-lum, minn meta ssir il-konsenja tac-cwievet jew l-izgumbrament effettiv, u cioe`, 3 ta` Gunju 2004, ftit jiem qabel il-ftuh ta` din il-kawza (ara wkoll* *<u>Galea v. Cauchi</u>*, *deciza minn din il-Qorti fis-26 ta` Marzu 2010).*

*Ma jistax, ghalhekk, jinghad li l-azzjoni attrici hi preskritta."*

Fl-istess sens kienet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Frar 2014 fil-kawza "**<u>Montanaro Gauci vs Rapa et</u>**" (op. cit.) :-

*"Il-kwistjoni, f`dan il-kaz, hija jekk dan it-terminu kienx sospiz tul iz-zmien li hadu dawn il-qrati sakemm iddecidew il-fatt li l-okkupazzjoni tal-fond kien minghajr ebda titolu. Tezisti gurisprudenza li tghid li, f`kazijiet simili, id-dekorriment taz-zmien ta` preskrizzjoni ma setax jghaddi hlief mid-data tad-definizzjoni tal-azzjoni li stabbiliet l-ezistenza tal-okkupazzjoni bla titolu. Il-konvenuti appellanti, gustament fil-fehma ta` din il-Qorti, jikkritikaw din il-linja gurisprudenzjali. Fi studju interessanti u ta` min ifahhru, l-appellanti, tramite l-avukat taghhom, urew kif l-istitut contra non valentum agere non currit praescripto kellu origini enigmatika u dam ma gie accettat fi Franza (li ghandhom Kodici Civili jixbah lil taghna, il-Kodici Napuljun), u meta gie eventwalment accettat, inghata interpretazzjoni stretta, u meqjus li jkun applikabbli biss bhala eccezzjoni limitata ghar-regola li z-zmien tal-preskrizzjoni jibda jghaddi minn dak inhar li sehh l-fatt in kwistjoni. Hawn Malta dan il-principju huwa wkoll accettat, pero`, kif qalet din il-Qorti fil-kawza Xuereb v. Zammit, deciza fid-9 ta` Marzu, 1994, il-preskrizzjoni tkun sospiza biss fejn sentenza tal-Qorti tohloq id-dritt talazzjoni, u mhux fejn sempliciment tiddikjara l-ezistenza ta` fatt, u cioe`, tistabbilixxi x`kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel ma beda l-procediment.*

*F`dan il-kaz, din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-25 ta` Frar, 2011, ma holqot ebda dritt, izda stabbiliet li meta skada l-konvenju, il-konvenuti ma kellhomx jibqghu aktar fil-pussess tal-fond in kwistjoni. Dan fehmitu l-ewwel Qorti u approvatu, u fil-fatt, l-ewwel Qorti ma qaletx li f`dan il-kaz japplika l-*

*principju contra non valentem agere non currit praescriptio, izda irreferiet ghal principju iehor, u cioe`, li meta jkun kaz ta` danni li jimmaturaw perjodikament, iz-zmien tal-preskrizzjoni ma jghaddix qabel ma l-istess danni jigu definiti …*

*Sakemm il-konvenuti baqghu fil-post, it-terminu ta` preskrizzjoni kien qed jigi kontinwament 'interrot', u dan sakemm sehh l-izgumbrament b`konsegwenza ta` mandat ta` zgumbrament notifikat lill-istess konvenuti fil-5 ta` April, 2011. Il-kliem li uzat l-ewwel Qorti forsi ma kienx preciz, pero` f`kull kaz din il-Qorti tara li l-eccezzjoni ulterjuri a bazi tat-terminu ta` hames snin ma tistax tigi milqugha."*

**Bl-applikazzjoni tal-premess, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.**

**IV. <u>It-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta</u>**

Skond ix-xiehda ta` Jeffrey Formosa mill-Awtorita` konvenuta, l-entita` responsabbli fiz-zmien li nqalghet il-kwistjoni mertu ta` din il-kawza kien id-Dipartiment tat-Toroq li kien jaqa` taht il-Ministeru ghat-Trasport u Komunikazzjoni. L-istess Formosa isostni li wara l-2002, id-Dipartiment tat-Toroq kien integrat fl-Awtorita`.

Huwa evidenti li x-xhud kien qed jirreferi ghall-Awtorita` dwar it-Trasport jew l-ADT jew il-Malta Transport Authority li kienet kostitwita bil-Kap 332 tal-Ligijiet ta` Malta. Din l-Awtorita` pprecediet l-Awtorita` li hemm illum li kienet kostitwita bl-Att XV tal-2009 (Kap 499 tal-Ligijiet ta` Malta). Il-Kap 499 ha post il-Kap 332.

Skond Formosa, l-Awtorita` hadet ir-responsabilitajiet li kellu d-Dipartiment tat-Toroq.

Fil-kontroezami, l-istess Formosa jirreferi ghal file Nru 509/2001 tar-Roads Directorate. Il-Qorti tippreciza li x-xhud ma kienx qed jirreferi ghad-Dipartiment tat-Toroq izda specifikament ghar-Roads Directorate li kien wiehed mid-Direttorati li kienu kostitwiti bil-Kap 332.

Dan premess, il-Qorti taccetta bhala fondata l-osservazzjoni li ghamlu l-atturi fin-nota taghhom illi l-Awtorita` kif inhi llum hija s-successur tad-Dipartiment tat-Toroq. Il-Qorti tghid dan b`zieda fis-sens illi meta sar il-Kap 332 id-Dipartiment tat-Toroq sar ir-Roads Directorate u meta mbaghad saret l-Awtorita` li hemm illum bil-Kap 499 hadet ir-responsabilitajiet kollha tal-Awtorita` precedenti.

Skond l-Art 36(2) tal-Kap 499 :-

*"It-trasferiment u l-għoti lill-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmija għandhom jestendu għal dik il-proprjetà u dawk l-imprizi kollha u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità hawn aktar qabel imsemmija, ghandhom jinkludu kull impjant, tagħmir, apparat, strumenti, vetturi, vapuri, inġenji, xtut, mollijiet, piers, bankini, bini, strutturi, stallazzjonijiet, art, toroq, xogħlijiet, ħażniet u proprjetà oħra, sew mobbli, sew immobbli, assi, setghat, jeddijiet u privileggi u kull haga mehtiega jew anċillari għalihom jew li tkun lilhom tappartjeni, kif ukoll kull obbligu li jolqot jew ikollu x`jaqsam ma` xi proprjetà jew impriża minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew ħaġa oħra hemm inkluża kif imsemmi aktar qabel :*

*Iżda fir-rigward ta` ajrudromi, toroq, xtut, mollijiet, piers u bankini, l-imsemmija trasferiment u għoti lill-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmija ma jestendux għall-proprjetà tagħhom iżda jkunu limitati għall-użu, amministrazzjoni u tħaddim tagħhom, inkluż kull benefiċċju li jinkiseb minn dak l-użu, amministrazzjoni u tħaddim, bla ħsara għall-obbligu tal-Awtorità li tagħmel manutenzjoni, safejn dik il-manutenzjoni ma tkunx ir-responsabilita` tal-Kunsilli Lokali skont l-ewwel proviso għallartikolu 7(b), u żżomm kull proprjetà bħal dik, u għall-finijiet tal-artikoli 37 u 38 dik il-proprjetà għandha titqies li tkun inkluża f`kull proprjetà trasferita lill-Awtorità b`dan l-Att jew taħtu."*

Fl-Art 7(b) tal-Kap 499, jinghad illi l-Awtorita` ghandha s-setghat u l-funzjoni li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni mill-gdid, tamministra, taghmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq. Barra minn hekk, l-Att jipprovdi li *triq* tinkludi kull triq kif tkun kategorizzata u tinkludi fost affarijiet ohra kull triq diga` mibnija jew li tkun fi stadju ta` ippjanar jew ta` kostruzzjoni.

Hemm ukoll l-Art 38(2) tal-Kap 499 :-

*Meta minnufih qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta` din it- Taqsima ta` dan l-Att, ikun hemm pendenti xi proċedimenti legali relatati ma` xi proprjetà jew impriżi, jew xi dritt jew obbligu trasferiti lill-Awtorità b`dan l-Att jew taħtu u li fihom il-Gvern, l-Awtorità Marittima ta` Malta jew l-Awtorità dwar it-Trasport ta` Malta jew id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili ikun, jew ikollu jedd ikun parti, l-Awtorità għandha, mid-data hawn aktar qabel imsemmija, tidħol f`dawk il-proċedimenti minflok il-Gvern, jew minflok l-Awtoritajiet jew Dipartiment kif imsemmija hawn aktar qabel, skond ma jkun il-każ, jew issir parti fihom bl-istess mod li kieku l-Gvern, xi waħda minn dawk l-Awtoritajiet jew Dipartiment kien isir parti kif imsemmi hawn aktar qabel, u dawk il-proċedimenti ma għandhomx jiġu effettwati minħabba sostituzzjoni bhal dik.*

**Fl-isfond tal-premess, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.**

## V. <u>It-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta</u>

Fil-kawza qieghed jigi allegat illi d-Dipartiment tat-Toroq qabad u ha l-art tal-atturi b`mod abbusiv, arbitrarju u llegali, minflok adotta l-procedura stabbilita mil-ligi, liema procedura kienet imfissra mix-xhud Margaret Falzon. Anke minn ezami superficali tat-talbiet, l-atturi qeghdin jimputaw lill-Awtorita` konvenuta bhala successur tad-Dipartiment tat-Toroq ir-responsabilita` tat-tehid tal-art taghhom. L-allegazzjonijiet tal-atturi jridu jigu ppruvati fil-mertu taghhom. Pero` l-impostazzjoni tal-kawzali u tat-talbiet attrici ma jaghmlux mill-Awtorita` konvenuta kontradittur illegittima tal-atturi.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> anke it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.**

## VI. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet</u>

Minn ezami tal-kawzali u tat-talbiet attrici, ma tirrizulta l-ebda imputazzjoni ta` agir abbusiv jew illegali da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta` Margaret Falzon fejn fissret illi l-Kummissarju ta` l-Artijiet ma jiddecidix fejn isiru toroq godda jew jitwessghu toroq esistenti jew xort`ohra.

Jirrizulta li decizjonijiet ta` din ix-xorta huma kompetenza tal-Awtorita` konvenuta li meta jkun il-kaz titlob lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jaghti bidu ghall-proceduri tal-espropriju wara li tghaddi l-fondi mehtiega lill-Kummissarju tal-Artijiet.

Mhuwiex eskluz mill-provi li t-talba ssir ukoll minn terza persuna f`cirkostanzi partikolari fejn anke huwa jkun irid iqieghed lill-Kummissarju tal-Artijiet *in funds.*

Li certament irrizulta huwa li *motu proprio* l-Kummissarju tal-Artijiet ma jinizjax il-procedura tal-espropriju fejn jirrigwarda toroq.

Irrizulta li fil-kaz tal-lum il-Kummissarju ta` l-Artijiet ma beda l-ebda procedura ta` esproprjazzjoni skond il-Kap 88 tal-Ligijiet ta` Malta fir-rigward tal-art in kwistjoni.

Madanakollu, kif osservaw l-atturi, skond l-Art 2 tal-Kap 169, id-drittijiet u r-responsabilitajiet kollha, kemm jekk moghtija jew kontingenti, dwar propjeta` mmobbli li tkun ta` jew fil-pussess ta`, mizmuma jew amministrata mill-Gvern jew dwar l-amministrazzjoni taghha, li ghalihom l-Accountant General kien intitolat jew suggett minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta` din l-Ordinanza jkunu bis-sahha ta` din l-Ordinanza trasferiti lill-Kummissarju tal-Artijiet.

Kienet citata is-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Settembru 2014 fil-kawza "**Paul Magri et vs Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv, Kunsill Lokali Qormi**".

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi tenut kont tal-mansjonijiet li ghandu l-Kummissarju tal-Artijiet, huwa ghandu jkun parti fil-kawza tal-lum ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad anke l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta u cioe` l-preskrizzjoni skond l-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet.**

**Tordna li l-ispejjez kollha relatati ma` l-ewwel, mat-tieni u mat-tielet eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta jithallsu fl-intier taghhom mill-Awtorita` konvenuta.**

**Tordna li l-ispejjez kollha relatati mal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet jithallsu fl-intier taghhom mill-Kummissarju tal-Artijiet.**

**Tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.**

**Thalli l-kawza ghall-provi tal-attur fil-mertu ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 13 ta` Ottubru 2015 fil-11.00 a.m.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------